# MAĦSULIN

Prayer Spaces in Schools Malta

"Nixtieq li kieku ma għamiltx ..." "Jiddispjaċini li ..." "Mhux għal tal-apposta ..." Xi kultant in-nies jgħidulna u jagħmlulna affarijiet li jweġġgħuna bihom. Hemm xi ħadd li weġġgħek? Qed tħossok imweġġa'? Bl-għajnuna t'Alla, aħna nistgħu nagħżlu li naħfru lill-oħrajn.

- **Jekk trid, aħseb f'xi ħadd li tixtieq taħfrilu/a għal xi ħaġa li biha weġġgħajt.**
- **Fuq il-biċċiet tal-karti pprovduti, ikteb il-kelma 'naħfirlek' bil-*biro* jew bil-*marker.***
- **Poġġi l-karta fl-ilma u waqt li tara il-kliem jisparixxi aħseb dwar kif tħossok meta jaħfrulek u meta taħfer.**
- **Irringrazzja lil Alla li jaħfirlek kollox u itolbu jgħinek taħfer lil dawk li weġġgħuk bi kliemhom jew b' għemilhom.**